# *Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

## Minuti

## Disa' Legislatura

### *Laqgħa numru 31*

***5.30p.m 6 ta' Mejju 2021***

### *Preżenti*

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier
Is-Sinjura Charmaine Aquilina – Kunsillier

### *Assenti b'apoloġija*

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa online.

### *31.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

31.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija.

## *31.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

31.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 28, dwar il-laqgħa urġenti numru 29 u l-laqgħa urġenti numru 30. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri talab li jkun hemm żewġ emendi għall-minuti tal-Laqgħa Urġenti numru 29 f'paragrafu 29.1.2 fejn talab li l-kelma 'proġett' tinbidel għall-kelma 'operat' u sabiex tiżdied sentenza fejn jiġi nkluż il-kliem 'proposti alternattivi u li l-Kunsill ikompli diskussjonijiet mall-Gvern'. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda dawn il-bidliet u l-vot favur kien unanimu. B'hekk dawn l-emendi ser jiżdiedu kif msemmi.

31.2.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab jekk kienx hemm xi mistoqsijiet oħra dwar il-minuti. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu emendi oħra fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Francis Debono issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *31.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

31.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li matul din il-ġimgħa l-uffiċjali tal-ERA bdew iduru mall-lokalita' f'postijiet speċifiċi fil-Marsa u anke f'Albertown, filwaqt li fl-istess ħin qed isiru l-preparamenti kollha meħtieġa biex il-Community Police jibdew joperaw fil-Marsa fi ftit ġimgħat oħra, fejn fost affarijiet oħra is-Supratendent infurma lis-Sindku li ser ikun hemm pulizija stand-by f'ċertu ħinijiet fi Ġnien Belveder.

31.3.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal fir-rigward tal-Ġnien Belveder għada filgħodu ser ikun qed imur għal laqgħa mall-Onorevoli Aaron Farrugia sabiex ikun hemm il-firma tal-kuntratt tal-proġett. B'hekk il-proġett ser jibda dalwaqt u qed jiġi stmat li ser ikun lest madwar Ottubru jew mhux iktar tard min Novembru.

31.3.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega lil dawk preżenti s-sitwazzjoni tal-iskart fil-lokalita' fejn il-kollettur attwalment qed ikun mħarrek ħafna mill-Wasteserv peress li ma jkunx jista' jieħu l-iskart kollu li jsib barra. Fil-fatt talab lill-kuntrattur sabiex iwaqqaf il-ġabra tal-Erbgħa peress li hawn ma setgħax jiġbor kull ma jsib iżda jiġbor biss dak li huwa fl-ikeda tal-ġurnata. Apparti hekk hemm tip ta' skart li ma jkun jista' jieħdu qatt bħal ġebel. F'dan ir-rigward is-Sindku tkellem mall-inġinier tal-WasteServ dwar x'jista' jsir. Huwa qal li l-Kunsill irid ikollu liċenzja apposta u b'hekk dan l-iskart jintrema' fis-Civic Amenity Site u hekk il-Kunsill ma jħallasx tipping fees. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li jista' l-Kunsill ikollu van li jingħata b'donazzjoni min xi kumpaniji fil-lokal. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li dan is-servizz jista' jitħaddem mill-Community Workers

Scheme. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono talab jekk din tistgħax titla' f'item fil-laqgħa li jmiss. Is-Sindku qabel li jagħmel dan madankollu xtaq li jieħu din it-tip ta' feedback mill-Kunsill.

31.3.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi xtaq jitlob lill-membri kollha jekk jaqblux li l-Kunsill jerġa jiltaqa' b'mod normali mill-laqgħa li jmiss. Il-Kunsilliera esprimew l-approvazzjoni tagħhom għal dan.

## *31.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

31.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace staqsa jekk l-uffiċjali tal-ERA humiex qed imorru fin-naħa tal-korsa u jekk anke il-Community Police humiex qegħdin imorru fil-korsa. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi wieġeb fl-affermattiv.

31.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono staqsa dwar kif il-Kunsill qed jonfoq dejjem iżjed fi ħlasijiet relatati mall-ġbir tal-borza s-sewda, li hija l-unika borża li l-Kunsill iħallas għaliha, meta l-ammonti tal-borza s-sewda qed tonqos. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li ser ikun qed jagħmel analiżi ta' din is-sitwazzjoni.

31.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li dwar il-Community Worker li jħaddem il-van, huwa importanti li dan ikun ippreparat u jkun jaf li dieħel għal dan ix-xogħol. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qabel ma dan il-punt.

31.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li fuq il-pontijiet tal-Marsa hemm tabelli li jgħidu li huma ta' kumpanija privata biex jirreklamaw fuqhom u hawn huwa importanti li din il-kumpanija privata tkun taf li l-Kunsill tagħna għandhu bye-law dwar ir-reklamar. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill ser jikkuntatja din il-kumpanija.

31.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer għadda suġġeriment li ssir kemm jista' jkun malajr kamera fi Triq Patri Feliċjan Bilocca. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill kien ilu jfittex post fit-Triq imsemmija madanakollu qatt ma wasalna biex insibu kumpanija jew persuna li huma lesti jagħtuna aċċess għall-internet. Il-Kunsillier Spencer qal li fl-imgħoddi kienu jitressqu l-kameras li hemm fi Triq il-Jum. Is-Sindku qal li filwaqt li huwa minnu hemm bżonn kameras fiż-żewġ postijiet.

31.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Joe Lia staqsa dwar jekk wara li jsir il-proġett fi Ġnien Belveder jistgħax isir fence biex jingħalaq. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li jixtieq li dan isir u ser isiru taħditiet m'Ambjent Malta. It-tama tiegħu hija li s-sitwazzjoni ser taqleb għall-aħjar wara li jibdew il-Community Police.

## *31.5 Kunsiderazjoni* u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

31.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 05/2021 annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom kif ippreżentati. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ssekonda.

## *31.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

31.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Pageant Group infurmaw il-Kunsill li l-kxif tal-monument ta' Patri Mario Azzopardi ser isir nhar il-Gimgħa 2 ta' Lulju 2021.

31.6.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Festi Esterni Ssma Trinita' qed tistaqsi lill-Kunsill jekk hux interessat li jagħmel riklam fuq il-ħarġa tal-ktieb tal-Festa 2021 bħal ma jsir kull sena. Il-ħlas għal dawn ir-reklami huwa ta' €175. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *31.7 Kameras fiż-żona tal-Korsa*

31.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li matul dawn l-aħħar sentejn twaħħlu diversi kameras madwar il-lokalita', u li filwaqt li kien hemm uħud minnhom li l-Kunsill qabada diversi nies jarmu illegalment, kien hemm kameras oħra li dawn ħallew ftit suċċess. Huwa qal li jekk ikollna n-nies li lesti jipprovdu d-dawl u l-internet ikun ferm aktar faċli li nweħħluhom fuq it-tlett skips tal-kuntrattur tagħna fiż-żona tal-korsa.. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li idejalment il-Kunsill ikun iggwidat bi prezzijiet sabiex dawn ikunu minuted. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li l-kameras jistgħu jitpoġġew f'diversi hotspots madwar il-lokalita' fosthom fiż-żona tal-bandli ta' Marija Reġina u l-vaska. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda u l-vot favur kien unanimu li jsiru l-kameras u b'hekk ser ikunu qed jintalbu l-qwotazzjonijiet.

## *31.8 Park għall-klieb fil-lokalita'*

31.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-LESA bħala parti mill-għajnuna li tagħti l-kommunita' qed tniedi skema b'fondi li jintużaw għall-diversi proġetti soċjali. Is-Sindku qed jissuġġerixxi li l-Kunsill tal-Marsa jagħmel park tal-klieb kif ġie ssuġerit matul dawn l-aħħar xhur fil-laqgħat tal-Kunsill mill-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri. Il-perit qed jitlob li l-Kunsill jidentifika post eżatt fejn dan għandhu jsir. Wara diskussjoni fost dawk preżenti ġie miftiehem li l-park tal-klieb isir wara l-vaski tal-papri u b'hekk il-perit jista' jmexxi bid-disinn u t-tabelli neċessarji. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issuġġerixxa li dwar tabelli l-Kunsill jitlob biex isir bye-law biex fejn jidħlu t-tfal jiġi prjbit li jidħlu l-klieb u vice versa fejn jidħlu l-klieb jitweħħlu tabelli fejn it-tfal ikunu taħt sorveljanza, apparti hekk klieb ta' ċertu daqs irid ikollhom sarima kif titlob il-liġi. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *31.9 Slow Streets Project*

31.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill preżentazzjoni dwar il-proġett slow streets. Din il-preżentazzjoni fiha diversi proġetti li jistgħu jitwettqu fil-lokalita' bil-għan li jtejbu l-kwalita' tal-ħajja tar-residenti billi jnaqqsu l-karozzi fil-qalba tal-lokalita', jsir aktar tħaddir fiċ-ċentru urban u jżid l-aċċessibilita' tal-persuni fiż-żoni kollha tal-Marsa. Is-Sindku beda' jdur proġetti differenti fosthom fi Triq Zerafa, Isouard u Saura, kif ukoll Triq Balbi u t-tisqif ta' parti min Triq Diċmebru Tlettax li tgħaqqad parti importanti bejn il-pjazza ta' Triq il-Marsa mall-Ġnien Gwann Mamo. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer irrimarka li dawn huma proġetti kbar u li jirrikjedu aktar diskussjoni. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono saħaq li huwa ferm importanti li n-nies tal-lokal ikunu ikkonsultati b'dawn il-proġetti. Wara diskussjoni fost dawk preżenti ġie miftiehem li d-diskussjoni ser tkompli sew fil-laqgħat statutorji tal-Kunsill Lokali, kif ukoll b'sotto kumitat biex jiġu evalwati l-proġetti msemmija. Il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina ssekkondat filwaqt li l-vot favur li jitkomplew dawn id-diskussjonijiet kien wieħed unanimu.

## *31.10 Update Tank Cleaning Facility*

31.10.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li ħass l-obbligu li minkejja li saru diversi laqgħat dwar il-problema tar-rilolazzjoni tal-ħasil tat-tankijiet taż-żejt, xorta waħda din it-tema titla' fil-laqgħa tal-Kunsill sabiex tkompli d-diskussjoni u joħroġu updates ta' dak li għandhu jagħmel il-Kunsill fil-gimgħat li ġejjin. It-tema li ġiet diskussa fost dawk preżenti hija l-bżonn li l-Kunsill ikollu aktar informazzjoni teknika u professjonali dwar l-operat involut, jiġifieri il-ħasil tat-tankijiet, l-impatt ambjentali u primarjament l-impatt fuq is-saħħa tar-residenti Marsin. Huwa importanti għall-Kunsill li l-persuna jew kumpanija magħżula biex twettaq dan it-tip ta' studju ikunu professjonali u esperti fil-qasam sabiex il-Kunsill ikollu d-dokumenti meħtieġa f'idejħ biex meta jkun hemm il-bżonn dawn jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet u r-regolaturi kompetenti. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer spjega li huwa importanti li l-Kunsill u l-Kunsilliera ikunu kawti f'dak li jintefa' fuq il-mezzi soċjali, u għalhekk huwa importanti li l-Kunsill dejjem ikollu l-fatti quddiemu b'rapport professjonali. Il-Kunsillier is-Sur Francis qal li għalhekk huwa ferm tajjeb li l-Kunsill joħroġ espressjoni t'interess fuq il-gazetta fejn il-Kunsill qed jilqa' rapporti dwar dan l-operat mingħajr ma jkollu jbid mall-kumpaniji li jipprovdu dawn is-servizzi. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien una

## *31.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

31.11.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.15pm u ġiet aġġornata għall-10 ta' Ġunju fit-5.30pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Josef Azzopardi<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |